# ‘Bord Indipendenti għall-Ilmenti Dwar il-Pulizija’

## ‘Independent Police Complaints Board’

### RAPPORT ANNWALI TA’ ĦIDMA GĦAS-SENA 2020

1 ta’ Jannar – 31 ta’Diċembru 2020

Dan il-Board twaqqaf meta dahal fis-sehh l-Att XVIII tal-Ligijet ta’ Malta f’Mejju 2017; sa dakinhar kien jesisti Board simili maghruf bhala Police Board li kellu l-ghanijiet tieghu vicini hafna ghal dak tal-lum.

Il-Police Board kellu hafna kazi quddiemu li kienu ghadhom pendenti, izda peress li fl-Att il-gdid ma saret ebda riferenza ghal din is-sitwazzjoni, dawn il-kazi bagqghu pendenti sakemm saru l-emendi mehtiega biex Il-Board ikun jista’ jerga’ jiehu konjizzjoni taghhom.

Il-Bord Indipendenti ghall-ilmenti dwar il-Pulizija huwa maghmul min Chairman u zewg membri biss waqt li qabel in-numru tal-membri kien erba u dawn issa jistghu anki jigu imnehhija fuq parir tal-Onorevoli Ministru.

Dan il-Board ghandu id-dmir li jezamina l-ilmenti li jitressqu quddiemu u wara li jikkonsidra il-korrispondenza u dokumenti esebiti u jisma’ il-partijiet interessati, jaghmel rapport bil-konkluzjonijiet tieghu; il-Board jibghat  kopja ta’

dan ir-rapport bil-konkluzjonijiet tieghu kemm lill-istess kwerelant kif ukoll lil-Kumissarju tal-Pulizija u lill-Onor Ministru.

Il-konkluzjonijiet li jkun hemm fir-rapport ghandhom biss effett konsultativ fis-sens li jekk tkun saret xi rakkomandazzjoni, din tista' tigi milqugha jew le mill-Kumissarju tal-Pulizija jew min xi awtorita' involuta.

Il-Board izomm il-laqghat u attivitajiet tieghu gewwa ufficcju fi Triq il-Merkanti numru 194/2 il-Belt Valletta u jircevi il-korrispondenza tieghu sew f'dan l-indirizz kif ukoll fl-indirizz postali tieghu f' Kaxxa Postali 202, Triq Sir Adrian Dingli, Slema SLD 1000.

Kull cittadin li jhoss ruhu aggravat mill-imgieba ta' xi membru tal-Korp tal-Pulizija jista' jressaq l-ilment tieghu quddiem il-Board per mezz ta' ittra fl-indirizzi indikati hawn fuq. Jidher li fis-snin imghoddija ilmenti bhal dawn gew presentati mhux biss min cittadini Maltin u membri tal-Korp, izda ukoll min barranin u turisti.

Il-Board ghas-sena 2020 kien kompost kif jidher hawn taht:

Chairperson: L-Imhallef Franco Depasquale

Membri: Dr Diandra Schembri

Dr David Farrugia Sacco

Segretarju: ET Sur John Spiteri

Staff Amministrattiv: Sra Marica Caruana Smith

Il-komposizzjoni tal-Board giet mibdula f'Dicembru ta' din is-sena b'mod li 'l-Board il-gdid issa huwa hekk kompost:

Chairman:

L-Imhallef Franco Depasquale

Membri:

Dr Reuben Lanfranco

Is-Sur Michael Cassar

Segretarju:

ET Sur John Spiteri

Id-dmirijiet ta' dan il-Board gew imwessgha u fost hwejjeg ohra iddahhal ukoll id-dmir li iservi ta' appell min decizjonijiet li ikunu ittiehdu mill-korpi ta' dixxiplina tal-Korp tal-Pulizija. Barra min dawn il-bidliet, l-Att jipprovdi li il-Board ghandu ikollu ukoll staff amministrattiv kif ukoll Ufficcju Legali. Irid jigi rilevat li din l-ghajnuna sa issa ghadha ma sehhitx.

Din is-sena kienet karatterizzata mill-bidu tal-pandemija Covid li gabet maghha hafna restrizzjonijet l-aktar ghal persuni vulnerabbli. Gew presentati erba ilmenti godda u inghalqu tlieta.

Inzammu tmien seduti u kien hemm ukoll tentativ biex ikun hemm seduti *online* izda dan ma kienx possibbli; gew maghluqa erba kazi u intbghatu kopji ta' dawn ir-rapporti lill-kwerelanti u lill Onor Ministru u lill-Kumissarju.

Il-Board jittama li id-diffikultajiet kawzati minhabba il-pandemija jigu superati halli il-hidma tal-Board tissokta bhas-snin imghoddija.

Judge F. Depasquale
Chairman

E.T. John Spiteri
Segretarju

04th April 2023